**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Rikors Nru: 247/07 CSH**

**Lawrence u Miriam konjugi Carabott**

**vs**

**Warren Giordano**

**Illum, 11 ta' April 2017**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat mill-atturi konjugi Lawrence u Miriam Carabott fid-9 ta' Awwissu 2007 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut Warren Giordano jhallashom is-somma ta' elfejn, mija u hamsin Lira Maltin (Lm2,150) ekwivalenti ghal hamest elef u tmien Ewro u hmistax-il centezmu (€5,008.15) minnu dovuta skond ftehim datat 13 ta' Settembru 2006 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani.

Bl-ispejjez inkluza dik ta' l-ittra ufficjali datata 3 ta' April 2007 u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Warren Giordano minnu pprezentata fit-2 ta' Novembru, 2007 fejn eccepixxa:

1. *Fl-ewwel lok illi din il-Qorti ghandha tissoprasjedi milli tkompli tisma' din il-kawza sakemm tinghata decizjoni definittiva fil-proceduri fl-ismijiet "Warren Giordano (I.D. 493996M) kontra Lawrence (I.D.541560M) u Miriam (I.D.378762M) konjugi Carabott", liema kawza gietipprezentata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u qed tistenna li tigi appuntata, u liema kawza tikkoncerna l-kuntratt notarili meritu tal-kawza odjerna;*

2. *Fit-tieni lok illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub huwa eccessiv u m'huwiex dovut;*

3. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2007, il-konvenut ipprezenta kopja ta' citazzjoni minnu pprezentata.

Wara li rat l-eccezzjonijiet tal-konvenut b'mod partikolari l-ewwel eccezzjoni, il-Qorti ddiferiet il-kawza Sine Die riappuntabbli fuq talba tal-partijiet una volta l-kawza bin-numru 1144/07 tkun deciza.

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Gunju 2016 fejn irriappuntat il-kawza ghat-13 ta' Lulju, 2016 filwaqt li ordnat lill-partijiet u/jew lill-avukati difensuri taghhom jidhru quddiemha sabiex jinfurmawha dwar il-progress o meno li ghandu jigi registrat u jekk ghadx ghandhom interess f'din il-kawza.

Rat in-nota pprezentata mir-rikorrenti fit-8 ta' Lulju, 2016 fejn infurmaw lil din il-Qorti li r-Rikors Numru 1144/2007 AF gie deciza fl-14 ta' Gunju 2016 u li mis-sentenza ma gie pprezentat l-ebda appell.

Rat illi fil-15 ta' Frar, 2017 l-attur Lawrence Carabott ipprezenta l-affidavit tieghu permezz ta' nota.

**Lawrence Carabott** iddikjara li huwa flimkien ma' martu Miriam, bhala sidien tal-party Trigger li sar f'Novembru 2006, kienu offrew il-bars lil Warren Giordano ghas-somma ta' sitt elef Lira Maltin u kienu qablu li kellu jtihom erbat elef Lira Maltin bil-quddiem u l-elfejn l-ohra kif jispicca l-party.

Qal li Warren Giordano xtaq li jsir kuntratt quddiem nutar u hekk sar. Carabott qal li kull ma xtaq Giordano, huma tawhulu. Fost l-ohrajn ried id-dritta assoluta ta' kif imexxi l-bars u li fil-prezz ikun hemm inkluz il-hotdog stand. Inoltre ried garanzija li juza liema kwalita' ta' xorb ried hu ghaliex kellu xi sponsors li kienu offrew li jtuh xi xorb. Fil-kuntratt tnizzel ukoll li jekk il-party ma jsirx, Giordano kellu jiehu flusu lura. Carabott zied jghid li meta n-nutar kien staqsa lil Giordano jekk riedx izid xi haga ohra, dan kien wiegeb li ma ried izid xejn u li kien kuntent kif kien. Fil-fatt il-kuntratt gie ffirmat u Giordano tahom l-erbat elef Lira Maltin.

Wara l-party kienu ftehmu li jiltaqghu biex itihom il-kumplament, pero' l-ghada tal-party ma setghux jikkuntattjawh. Fil-fatt irnexxielhom jaqbduh wara certu zmien u ftehmu li jiltaqghu. Giordano kien qalilhom li ma setax itihom il-flus kollha f'daqqa u li kien se jipprova jirranga biex ihallashom ftit ftit. Talabhom biex jerga' jiehu l-bars tas-sena ta' wara.

Wara li kien rega' ghadda ammont ta' zmien, xorta baqghu ma semghu xejn minghandu u meta mbaghad iltaqghu, Giordano kien qalilhom li ma kienx se jtihom il-flus li kellu jtihom ghaliex fil-party ma kienx ghamel bizzejjed qliegh. Carabott qal ukoll li apparti dan, Giordano lanqas ma hallashom tal-fliexken tal-ilma zghar li huma kienu tawh biex jinbieghu waqt il-party.

Carabott zied li huma baghtulu diversi ittri bl-avukat, pero' baqa' ma sar xejn u li sallum la ghadhom hadu l-elfejn Lira Maltin u lanqas thallsu tal-ilma.

Rat in-nota ta' ammissjoni pprezentata mill-konvenut seduta stante nhar il-5 ta' April 2017 li permezz taghha ammetta it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenut, il-Qorti tiddikjara li qed tilqa' t-talba attrici b'hekk qed tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' hamest elef u tmien ewro u hmistax-il centezmu (€5,008.15).

**L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut inkluz l-ispejjez ta' l-ittra ufficcjali datata 3 ta' April 2007. L-interessi jibdew jiddekorru minn dakinhar tan-notifika ta' l-ittra ufficcjali.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**